MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 345/2008

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**Vs**

**Shaun Sullivan**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta` April, 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u ghaxar Euro u erba` centezmi (€610.04c), rapprezentanti bilanc ta` prezz dovut skond Client Contract number 1011773, fir-rigward ta` servizzi lilu rezi ghax-xhur bejn Gunju, 2007 u Novembru, 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 29 ta` Frar, 2008 u ta` mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-13 ta` Gunju, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro €610.04c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------